Fl-MDAA aħna naqbżu għal dak li jkun. Dan ifisser li naħdmu flimkien ma' nies b'diżabbilta`, familji, u l-komunita` biex nippromwovu, nipproteġu, u nassiguraw id-drittijiet u l-interessi ta' nies b'diżabbilta` li ġejjin minn sfond fejn ma jitkellmux bl-Ingliż (NESB), u l-familji tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom fi NSW.

## *Kif nistgħu ngħinu lilek u l-familja tiegħek*

**Naqbżu għalik Individwalment:** Impjegat, imsejjaħ 'advocate', jaħdem miegħek meta d-drittijiet tiegħek jiġu injorati. L-advocate 'jieqaf miegħek' u jissapportjak biex inti tkun tista' tagħmel id-deċizjonijiet tiegħek u tieħu li teħtieġ. L-advocate jista' jgħinek tieqaf għad-drittijiet tiegħek, per eżempju, meta jkollok problemi bil-housing, immigrazzjoni, xogħol, skola, u servizzi ta' diżabbilta`

## *Kif nistgħu ngħinu l-komunita` tiegħek*

**Advocacy Development:** Naħdmu flimkien ma' gruppi ta' nies b'diżabbilta` u l-familji tagħhom biex nitgħallmu aktar kif jieqfu għad-drittijiet u l-bżonnijiet tagħhom. Dan jista' jgħinek biex tkun tista' tagħti l-opinjoni tiegħek dwar affarijiet li huma importanti għalik.

**Community Development:** MDAA jistgħu jaħdmu mal-komunita` tiegħek biex iżidu l-għarfien u l-konoxximent dwar diżabbilta`, servizzi għad-diżabbilta` u d-drittijiet ta' nies b'diżabbilta`.

**Systemic Advocacy:** Aħna nagħmlu pressjoni fuq politikanti u dipartimenti tal-gvern biex itejbu l-affarijiet għal nies b'diżabbilta` u l-familji tagħhom li ma jitkellmux bl-Ingliż (NESB).

**Is-servizzi tagħna ta' advocacy u community development huma b'xejn.**

Maltese

**Multicultural Disability Advocacy Association of NSW**


Sophia Lindner

# *nifthu l-bibien*

## *Esperjenza ta' Diżabbilta` f'Malta u fl-Awstralja*

MDAA

**Naħdmu għal NSW fejn d-diversita` ta' diżabbilta` u kultura hija antiċipata, megħjuna u ċċelebrata**

*Rikonoxxut minn*

Merrylands Maltese Seniors Group (Merrylands Community Health Centre NSW)

The Rockdale Maltese Seniors Group (St. George Migrant Resource Centre NSW)

Maltese Welfare (NSW) Incorporated

La Valette Social Centre

Transcultural Mental Health Centre Maltese Subcommittee

Sandra Schlossar kitbet dan ir-rapport għal

Multicultural Disability Advocacy Association of NSW
PO Box 9381
Harris Park NSW 2150
Australia
Phone: +61 (02) 9891 6400
Fax: +61 (02) 9635 5355
E.-mail: mdaa@mdaa.org.au
Website: www.mdaa.org.au

© Multicultural Disability Advocacy Association of NSW

Pubblikat għall-ewwel darba f'Novembru 2004
ISBN 1-920821-10-4

Dan ir-rapport huwa "copyright". Gruppi tal-komunita` li m'humiex għall- profitt għandhom permess jipproduċu kwalunkwe parti tar-rapport, sakemm il-messaġġ oriġinali jibqa' u l-krettu xieraq jingħata lill-awtur u lil Multicultural Disability Advocacy Association of NSW. Il-persuni u l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha li jridu jipproduċu materjal minn dan ir-rapport iridu jġibu permess mill-Multicultural Disability Advocacy Association of NSW.

L-MDAA jirrikonoxxu bi gratitudni l-għajnuna tad-Department of Ageing, Disability and Home Care (Id-Dipartiment tal-Anzjani, Diżabbilta` u Għajnuna fid-Dar).

# Ringrazzjamenti

'niftħu l-bibien' ħaduh f'idejhom l-MDAA flimkien ma ħafna individwi u organizzazzjonijiet biex inżidu t-tagħlim dwar diżabbilta` f'komunitajiet etniċi differenti.

L-MDDA jixtiequ jirringrazzjaw lil kulmin għinhom mill-komunita` f'dan dan il-proġett.

# Werrej

Kif konna nittrattaw nies b'diżabbilta` fl-imghoddi 6
X'inhuma l-qlajjiet u t-twemmin dwar diżabbilta` f'Malta? 8
Kien hemm xi avvenimenti li bidlu l-attitudnijiet għal nies b'diżabbilta`? 9
X'rwol għandhom il-familji meta jieħdu ħsieb nies b'diżabbilta`? 11
Il-lingwa li nużaw meta nitkellmu dwar nies b'diżabbilta` inbidlet? 11
Hemm differenzi fil-mod kif jirreaġixxu għad-diżabbilta` nies mill-ibliet u mill-irħula? 12
X'servizzi hemm għal nies b'diżabbilta`? 12
Il-Komunita` x'taf dwar id-drittijiet ta' nies b'diżabbilta`? Kif inbidlet din tul is-snin? 14
Web Sites użati fil-kitba ta' dan id-dokument 16
X'inhi Diżabbilta`? 18
X'sapport jista` jkollhom nies b'diżabbilta`? 19
Kif issir taf aktar dwar servizzi għal nies b'diżabbilta` 20

## Esperjenza ta' diżabbilta` f'Malta

Din l-introduzzjoni tiffoka fuq esperjenzi ta' diżabbilta` għal nies u familji Maltin. Xi attitudnijiet u twemmin diskussi huma komuni wkoll f'kulturi oħra.

## Kif konna nittrattaw nies b'diżabbilta` fl-imghoddi

Malta kienet kolonja ta' renjanti differenti tul partijiet tal-istorja twila tagħha, li wasslet għal kulturi u tradizzjonijiet rikki u diversi. Ġeneralment il-fidi qawwija fil-Knisja Kattolika influwenzat il-valuri u l-imġieba tagħna, u r-rispons tradizzjonali għal nies b'diżabbilta` huwa ibbażat fuq kura u sapport li jiġu ipprovduti mill-familja.



Madankollu, fl-imgħoddi d-diżabbilta` ġeneralment kienet iġġib magħha stigma u kienet ikkunsidrata tabu`. Normalment nies b'diżabbilta` konna naqtuhom mill-kumplament tal-komunita`. Meta kienet titwieled xi tarbija b'diżabbilta`, il-familja ġieli ħassita mistħija. Li tkun differenti minn oħrajn kienet ta' spiss imbarazzanti u kienet komuni li tinżamm ħaġa sigrieta u privata. Għalhekk ħafna ġenituri ma kienux iridu l-komunita` tkun taf li wieħed/waħda minn uliedhom kellu/kellha diżabilta` u kienu jaħbu it-tifel/tifla id-dar. Nies b'diżabbilta` normalment ma kontx tarahom fil-pubbliku.

Meta jkun hemm tifel/tifla b'diżabbilta` ta' spiss kien inaqqas iċ-ċans ta' l-aħwa għaż-żwieg. Normalment in-nies kienu jikkonsultaw mal-kappillan tar-raħal qabel jiżżewweġu biex jistaqsu jekk is-sieħeb/sieħba, li huma intenzjonati jiżżewġu għandhomx xi ħadd fil-familja b'diżabbilta`. Minħabba nuqqas ta' edukazzjoni u tagħrif - speċjalment dwar mard mentali u diżabbilta` intellettwali – ta' spiss konna nibżgħu li kull kwalita` ta' diżabbilta` hija ereditarja.

Ġenerali n-nies ma kienux jagħmlu distinzjoni bejn mard mentali u diżabbilta` intellettwali, kienu jarawhom sempliċement bħal mard tal-'ġenn'. Diżabbilta` fiżika u tas-sensi kienet iġġib inqas stigma. Xi tfal b'diżabbilta` ħafifa fiżika jew tas-sensi marru fi skejjel normali u kienu joħorġu mid-dar. Xi kultant kienu jgħaddu minn vjolenza u abbuż u kienu ta' spiss jinkuhom u jiddieħku bihom. Il-ġenituri normalment kienu jaħsbu li jekk iżommu tfal b'diżabbilta` d-dar, ikunu qed jipproteġuhom milli jiġu ittantati jew ibbulijati.

Gużeppi

Gużeppi kellu meninġite meta kien tarbija u kellu diffikulta` biex jisma' u jitkellem aktar 'il quddiem. B'danakollu il-ġenituri tiegħu inkoraġġewh imur l-iskola mat-tfal l-oħra tar-raħal u spiċċa kull sena bħala l-aħjar student fil-klassi.

Karmena

Karmena twieldet b'difett fil-vista u suppost dejjem libset nuċċali b'lenti qawwija. Il-ġenituri tagħha ma riduhiex tilbes in-nuċċali għall-iskola għax ħasbu li l-familja tieħu fama ħażina u t-tfal l-oħra jittantawha. Karmena dejjem kellha toqgħod bil-qegħda fil-bank ta' quddiem jew tiddependi fuq l-għajnuna tal-oħrajn biex issegwi l-lezzjonijiet.

Membri tal-familja b'dizabbilta`kienu xi kultant magħdudin bħala piż. Aħna ta' spiss konna naħsbu li kienu jeħtieġu l-protezzjoni tagħna għal għomorhom u konna niddeċiedu kollox aħna għalihom. Minħabba nuqqas ta' sapport u servizzi, l-akbar inkwiet għall-ġenituri kien, min ser jieħu ħsieb uliedhom wara li jmutu huma.

Ġenituri, speċjalment ġenituri bla sieħeb/sieħba, kienu jikkumbattu biex ilaħħqu mal-ħajja u xi kultant dan kien iġagħalhom jabbandunaw jew iħallu membri tal-familja b'diżabbilta`. Nies b'diżabbilta`, partikolarment nies b'mard mentali jew diżabbilta` intellettwali, kienu jiddaħlu fi djar tax-xjuħ jew orfanatrofji



mmexxija minn istituzzjonijiet reliġjużi. Qabel l-1950 ma kellniex skejjel speċjali għal tfal b'diżabbilta`.

## X'inhuma l-qlajjiet u t-twemmin dwar diżabbilta` f'Malta?

Fl-imgħoddi d-diżabbilta` kienet iġġib magħha stigma soċjali, speċjalment għal nies b'mard mentali jew diżabbilta` intellettwali. Nies ta' spiss kienu jevitaw nies b'mard mentali jew diżabbilta` intellettwali u kienu jaqgħilu qlajjiet fuqhom.

Marija

Marija kienet mara b'mard mentali li kienet toqgħod mal-ġenituri tagħha f'raħal żgħir. Qatt ma kienet tidher barra mid-dar, u l-ġenituri tagħha l-anqas kienu jħalluha tmur il-knisja u wħud mill-ġirien tagħha l-anqas kienu biss jafu li teżisti.

Ta' spiss konna naħsbu li jekk ikollok xi ħadd fil-familja b'xi diżabbilta`, dan kien tip ta' xi diżunur jew mistħija għall-familja. Minħabba li Malta hija pajjiż religjuż ħafna, ir-religjon ta' spiss kienet tinfluwenza t-twemmin tagħna dwar diżabbilta`. Ta' spiss konna naħsbu li jekk ikollok tifel/tifla b'diżabbilta kien ifisser li l-familja għamlet xi ħaġa ħażina fl-imgħoddi u għalhekk ġiet ikkastigata minn Alla. Għalhekk ommijiet bi tfal b'diżabbilta` xi kultant kienu jimxu arkobbtejhom fil-knejjes, jitolbu 'l Alla għal għajnuna u maħfra. Minn naħa l-oħra d-diżabbilta` kienet xi kultant magħduda bħala 'rigal minn Alla' u l-familja kienet tittratta b'devozzjoni tfal b'diżabbilta`.

Is-superstizzjoni dwar diżabbilta` kienet komuni ħafna fl-imgħoddi. Minħabba l-istigma u n-nuqqas ta' tagħrif dwar diżabbilta`, ġieli konna naħsbu li d-diżabbilta` tittieħed u n-nies kienu ġeneralment jibżgħu imissu persuna b'diżabbilta` għax dan kien iġib xorti ħażina jew mard. Twemmin ieħor superstizzjuż kien li xi nies kellhom 'għajn ħażina'. Dawn in-nies kienu jistgħu jgħajnuk meta jħarsu lejk, ikellmuk jew imissuk u inti kienet tiġi

fuqek xi xorti ħażina jew xi marda jew diżabbilta` mill-għajn ħażina tagħhom. Dan kien iwassal biex nies b'diżabbilta` jiġu skartati u iżolati.

Illum xi tipi ta` diżabbilta` xorta għadhom iġibu stigma magħhom, speċjalment mard mentali u diżabbilta` intellettwali, iżda l-qlajjiet u t-twemmin superstizzjuż inbidlu f'aktar konoxximent, aktar tagħrif u aċċettar tad-diżabbilta` fil-komunita`.

## Kien hemm xi avvenimenti li bidlu l-attitudnijiet għal nies b'diżabbilta`?



F'Malta sar tibdil kbir fil-mod kif konna ngħixu, fit-twemmin tagħna, u l-mod kif konna ġeneralment inħarsu lejn nies b'diżabbilta`. Flimkien mat-televixin, radjo u l-internet, l-edukazzjoni, it-tagħrif, l-għarfien u l-konoxximent dwar diżabbilta` żdiedu. Il-kumpaniji bdew jimpjegaw nies b'diżabbilta` u d-diżabbilta` saret suġġett importanti fis-settur pubbliku, soċjali u politiku.

L-ikbar influwenza li biddletilna l-attitudnijiet tagħna għal nies b'diżabbilta` tfaċċat 40 sena ilu bis-saħħa ta` Monsinjur Mikiel Azzopardi, saċerdot Malti. Huwa ipprova jneħħi l-istigma u l-mistħija li ġġib magħha d-diżabbilta`, kien isejjaħ nies b'diżabbilta 'l-anġli tiegħi', ippromwova d-drittijiet tagħhom u ġabar flus għal proġetti u biex fetaħ djar residenzjali għal nies b'diżabbilta`.

Barra dan hu kien il-fundatur ta` "Is-Siegha tal-Morda" (The Sick People's Hour), programm ta' siegħa kull nhar ta' Ħadd fuq ir-Rediffusion (il-"cable-radio" Malti ta` dak iż-żmien) dedikat għal nies b'diżabbilta`. Dan il-programm kien kemm umoruż kif ukoll religjuż. Monsinjur Azzopardi kien jgħid stejjer veri ta` nies b'diżabbilta`, eduka l-komunita` dwar id-diżabbilta` u ta importanza pubblika għad-diżabbilta` f'Malta, li biddlet l-attitudnijiet lejn diżabbilta`.



Bid-donazzjonijiet Monsinjur Azzopardi beda "Id-Dar tal-Providenza" (House of Providence) fl-1965, residenza għal tfal u adulti b'tipi ta` diżabbiltajiet differenti li jgħixu hemm fi gruppi qishom familji. Din id-dar tipprovdi "workshops", għandha "ability centre" u ġimm u magħduda bħala waħda mill-aħjar djar fl-Ewropa għal kura residenzjali. Ir-residenti kollha jgħaddu minn programm addattat individwalment, li jimmira għall-integrar komplet fil-komunita` u biex jippromwovi għarfien u amorproprju. Sal-mewt tiegħu fl-1987, Monsinjur Azzopardi kien direttur ta` din id-dar u fetaħ ukoll residenzi oħra.



Mid-disgħinijiet dawn ir-residenzi mxew fuq l-inizjattiva ġdida ta` ħajja megħjuna. Per eżempju, *Żernieq* hija dar bil-bżonnijiet kollha (self-contained), fejn residenti li qabel kienu fid-Dar tal-Providenza, issa jgħixu flimkien ma` 'support worker' (impjegat għas-sapport), jattendu l-iskola, imorru għax-xogħol, jattendu programmi li jippromwovu abbilta` u jgħixu ħajja indipendenti, integrati kompletament fis-soċjeta`. Sfortunatament il-lista ta` dawk li qed jistennew biex jidħlu f'dawn ir-residenzi dejjem tikber.

Fl-2003 Malta ingħaqdet ma' diversi stati Ewropej f'illi ddikjaraw is-sena 2003 bħala Is-Sena Ewropea ta` Nies b'Diżabbilta`. Dis-sena saru xi akkwisti kbar għal nies b'diżabbilta`, bħar-riċerka għal drittijiet u opportunitajiet ugwali għal nies b'diżabbilta`.

Avveniment ieħor importanti li bidel is-sitwazzjoni għal nies b'diżabbilta` kien id-dħul ta` Malta fl-Unjoni Ewropea fl-2004. Biex Malta tkun eliġibbli biex tidħol fl-Unjoni Ewropea il-gvern Malti kellu jissodisfa l-ħafna neċessitajiet dwar drittijiet għal nies b'diżabbilta`.

## X'rwol għandhom il-familji meta jieħdu ħsieb nies b'diżabbilta`?

Il-familja dejjem kienet importanti ħafna għal Maltin. Tradizzjonalment, il-familja kienet tieħu responsabbilta` assoluta fil-kura ta' nies b'diżabbilta, mingħajr l-użu ta` servizzi minn barra u ħafna nies b'diżabbilta` kienu jgħixu mal-familji tagħhom. Dari l-ommijiet kienu l-"carers" prinċipali għax ġeneralment kien hemm nuqqas ta` flus biex jitħallas 'carer' jew għal dħul f'xi istitut.



F'għexieren ta' snin reċenti, ir-rwoli tradizzjonali inbidlu u aktar u aktar nisa qegħdin f'impieg bi ħlas. Għalhekk daż-żmien hawn inqas familjari li jieħdu ħsieb membri tal-familja b'diżabbilta` ġo darhom. Il-gvern irid jittrejnja aktar 'carers' biex ilaħħaq ma' dal-bżonn. Anki s-servizzi għal komunita` u kura socjali għenu f'din il-bidla.

## Il-lingwa li nużaw meta nitkellmu dwar nies b'diżabbilta` inbidlet?

Minn mindu ħadna l-indipendenza mill-Gran Brittanja fl-1964, il-lingwa Maltija saret aktar importanti mill-Ingliż u evolvit tassew malajr. Fl-imgħoddi ta' spiss konna nitkellmu dwar nies ħandikappati, tardivi u inkapaċitati u konna ntuhom timbru. F'għexieren ta' snin reċenti, flimkien ma' tnebbiħ fil-komunita` dwar diżabbilta`, id-diskors tagħna sar aktar sensittiv u mnebbaħ meta nitkellmu dwar nies b'diżabbilta`. Illum, il-lingwa ta' kuljum, speċjalment il-lingwa tal-"media", hi dwar "*nies b'diżabbilta` jew bżonnijiet speċjali*" flok "*ħandikappati*".



## Hemm differenzi fil-mod kif jirreaġixxu għad-diżabbilta` nies mill-ibliet u mill-irħula?

Malta hija iżola – stat żgħira, għalhekk is-servizzi u l-istituti kollha għal nies b'diżabbilta` huma viċin u jintlaħqu minn nies li joqgħodu fl-irħula. Dari n-nies b'diżabbilta` ġeneralment kellhom ħajja aktar iebsa u aktar ostakli biex jirnexxilhom imexxu fl-irħula milli fl-ibliet. Illum is-sitwazzjoni għal nies b'diżabbilta rranġat, ikunu joqgħodu fejn joqgħodu. L-ibliet u l-irħula għandhom infrastruttura aħjar u s-servizzi għal nies b'diżabbilta` issibhom fit-tnejn.

Is-sitwazzjoni għal nies b'diżabbilta` minn Ghawdex, l-iżola aktar żgħira u aktar rustika mill-iżola prinċipali ta' Malta, ġeneralment irranġat aktar tard. Fl-imgħoddi l-ħajja għal nies b'diżabbilta minn Għawdex kienet ta' spiss aktar iebsa milli f'Malta minħabba l-infrastruttura fqira, diffikulta` biex jintlaħqu servizzi u attitudnijiet insensittivi lejn id-diżabbilta`

## X'servizzi hemm għal nies b'diżabbilta`?

Hekk kif il-komunita` saret aktar imnebbħa u edukata dwar id-diżabbilta`, in-numru u l-varjeta` ta' servizzi għal nies b'diżabbilta` żdiedu sinifikament. Illum għandna servizzi kważi f'kull belt u raħal, li huma mmexxijin mill-gvern, mill-knisja u minn diversi organizzazzjonijiet voluntarji mhux tal-gvern. Dawn l-aġenziji jipprovdu sapport , għajnuna u kura soċjali għal nies b'diżabbilta`. Joffru pariri, kura mal-jum, terapija, edukazzjoni tal-komunita` riabilitazzjoni vokazzjonali, impieg imkenni, "meals on-wheels" u "referral networks" għal nies b'diżabbilta` u l-familji tagħhom.

Ħafna servizzi huma sussidjati sostanzjalment mill-gvern u l-għan ġenerali tagħhom hu li jneħħu nies b'mard mentali jew diżabbilta` intellettwali, minn istituzzjonijiet. Madankollu xorta għad jonqosna servizzi għal sapport fit-tul għal nies żgħażagħ b'diżabbilta`, u l-lista ta' dawk li qed jistennew għal xi servizzi speċjali hija twila.

Eżempju magħruf ħafna, organizzazzjoni mhux tal-gvern hu r-*Razzett tal-Ħbiberija,* servizz ta' riabilitazzjoni għal nies b'diżabbilta`, li nfetaħ 15-il sena ilu u li jipprovdi rikreazzjoni b'xejn, programmi edukattivi u terapewtiċi, taħriġ għas-saħħa u attivitajiet soċjali għal nies b'diżabbilta` biex itejbu il-kwalita` ta' ħajjithom.



Illum is-sistema tas-sigurta` soċjali tagħna hija stabbilita sewwa u l-gvern Malti joħroġ pensjonijiet ta' sapport għad-diżabbilta`. *Il-Kummissjoni Nazzjonali Għal Nies b'Diżabbilta`( National Commission for People with Disability- NCPD*), organizzazzjoni ffinanzjata mill-gvern, tikkoordina n-numru kbir ta' NGO's u toħroġ *Karta ta' Identita` Speċjali,* li tagħti nies b'diżabbilta` aċċess għal numru ta' servizzi speċjali. Id-Dipartiment tal-Anzjani u Servizzi Komunitarji joffri lil nies b'diżabbilta`, servizz ta' għajnuna fid-dar biex jagħtu daqqa t'id fl-għajnuna tal-familja. L-għan ta' das-servizz hu biex jippermetti nies b'diżabbilta` jibqgħu jgħixu fil-komunita` u jtejbu l-kwalita` tal-ħajja tagħhom.

Is-Sezzjoni tal-Edukazzjoni tal-NCPD toffri servizzi ta' tagħlim għal tfal li huma batuti emozzjonalment, fiżikament, intellettwalment jew soċjalment. Barra dan għandna diversi skejjel speċjali għal tfal b'diżabbilta` u l-gvern Malti jippromwovi klassijiet integrati fejn tfal b'diżabbilta` jattendu skola flimkien ma' tfal oħra. Dan jgħin lit-tfal jitgħallmu u jifhmu l-bżonnijiet ta' xulxin, jirrispettaw lil xulxin ikunu x'ikunu d-differenzi u biex jiġu preparati għal edukazzjoni terzjarja jew impieg.

F'dawn l-aħħar 15-il sena sar titjib enormi, bħal rampi, liftijiet, bankini aktar wesgħin, biex ikun hemm aċċess għal postijiet pubbliki, bini u postijiet ta' studju. Mis-sena 2000 'l hawn postijiet pubbliki jistgħu jinbnew biss jekk ikunu aċċessibbli għal kulħadd b'rakkomandazzjoni mill-NCPD. Madankollu, il-karrozzi tal-linja, xi bini antik u bini b'ħafna sulari għadhom difficli jintlaħqu minn nies b'diżabbilta`.



## Il-Komunita` x'taf dwar id-drittijiet ta' nies b'diżabbilta`? Kif inbidlet din tul is-snin?

It-tagħrif tagħna fuq nies b'diżabbilta` kiber f'dawn l-aħħar erbgħin sena. Id-diżabbilta' saret suġġett aktar tista' titkellem fuqu., il-gvern taha importanza u għandna ħafna x'niddiskutu fuqha fil-"media". Id-drittijiet ta' nies b'diżabbilta` huma protetti wkoll b'leġislazzjoni ġenerali u l-liġi tiggarantilhom sigurta` finanzjarja u impieg.

Mill-1969 *l-Att tal-Impieg għal Nies b'Diżabbilta` (Employment Act for People with Disability)* ipprova jassigura li l-kumpaniji b'aktar minn għoxrin impjegat ikollhom 2% minnhom b'diżabbilta`. *Il-Korporazzjoni tal-Impieg u Taħriġ (Employment and Training Corporation)* tamministra din il-liġi u tgħin nies b'diżabbilta` billi toffrilhom taħriġ u ssibilhom impieg u żżommhom fih. Sfortunatament 20% biss minn nies kollha b'diżabbilta` huma mpjegati permanentement.

L-NCPD kien stabbilit aktar minn ħmistax-il sena ilu. Dan hu ffinanzjat mill-gvern, jagħmel riċerki dwar diżabbilta` u jikkoordina NGO's, li jaħdmu ma' nies b'diżabbilta` u jiddefenduhom. L-għan tal-Kummissjoni hu li nies b'diżabbilta` jkunu jistgħu jgħixu ħajja ndipendenti u jikkontribwixxu kompletament lis-soċjeta` Maltija. Il-kampanji tagħha jissapportjaw nies b'diżabbilta` biex ikollhom ambjent mill-inqas restrittiv, opportunitajiet ugwali fis-sezzjonijiet kollha tas-soċjeta` u inkluża l-edukazzjoni. Biex jakkwista dawn l-għanijiet l-NCPD jipprova jiżgura li s-soċjeta` telimina kwalunkwe diskriminazzjoni kontra nies b'diżabbilta` u l-familji tagħhom, fil-waqt li jipprovdihom b'għajnuna meħtieġa, sapport u tagħrif. PEKTUR, (*Programm ta' Edukazzjoni Kontinwa, Taħriġ u Riċerka – Continuing Education, Training & Research Programme)* huwa mmexxi minn NCPD jissapportja proġetti fuq edukazzjoni, taħriġ u riċerka fil-kamp tad-diżabbilta` u jorganizza korsijiet ta' taħriġ għal attivisti b'diżabbilta` u ġenituri ta' tfal b'diżabbilta`.

Fis-sena 2000 il-Gvern Malti għadda *l-Att ta' Opportunitajiet Ugwali għal Nies b'Diżabbilta` (Equal Opportunities Act for People with Disability)* li l-għan tiegħu hu li jelimina diskriminazzjoni kontra nies b'diżabbilta`, u jipprojbixxi diskriminazzjoni fl-impieg, edukazzjoni, aċċess, akkomodazzjoni u inxurjans. Ma' dan, il-*Kummissjoni Nazzjonali għas-Saħħa Mentali (National Commission for Mental Health)* ser tifformola leġizlazzjoni ġdida għas-saħħa mentali u l-aġenda l-ġdida tal-EU għad-drittijiet umani f'Malta tittratta esklusivament dwar id-drittijiet ta' nies b'diżabbilta`.

Illum il-komunita` tagħna għandha ħafna aktar ħniena għal nies b'diżabbilta` u hija aktar konxja dwar id-diżabbilta`. Nafu li nies b'diżabbilta` jixtiequ li jgħixu ħajja inter-dipendenti billi jagħtu sehemhom fost in-nies tax-xogħol, ikunu liberi, isemmgħu leħenhom u jipparteċipaw kompletament. Apparti dawn l-avvanzi, xorta għad baqa' ħafna x'jirranġa.



## Web Sites użati fil-kitba ta' dan id-dokument

http://www.diversityinhealth.com/regions/europe/maltese.htm

http://www.eumap.org/library/?trexp=&countries=470&topics=1461&categories=576087290&ftext=

http://www.independent.com.mt/daily/newsview.asp?id=22357

http://www.knpd.org/pubs/pdf/selfadvocacy_e.pdf

http://www.knpd.org/pubs/pdf/servbene.pdf

http://www.maltatoday.com.mt/2002/0728/people2.html

http://www.euro.who.int/document/e67140.pdf

# Esperjenza ta' diżabbilta` fl-Awstralja

## X'inhi Diżabbilta`?

Diżabbilta` hija xi ħaġa li żżomm persuna milli tagħmel dak li tixtieq fl-attivitajiet ta' kuljum. Mill-inqas 19% jew persuna f'kull ħames persuni fi New South Wales tgħaddi minn waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- Għema jew vista batuta (anki meta jintlibes nuċċali jew contact lenses)
- Turxien jew smiegħ batut (anki meta jintlibsu hearing aids)
- Sensitivita` għal kimika
- Diffikulta` fid-diskors fl-ilsien ewlieni tagħhom
- Blakawt, konvulżjonijiet jew telfien tas-sensi
- Diżorjentament f'ambjent mhux tas-soltu
- Tardjar fit-tagħlim u l-komprensjoni
- Ansjeta` akuta
- Diffikulta` fid-deċiżjonijiet
- Restrizzjonijiet fl-użu tal-idejn u d-dirgħajn
- Diffikulta` fil-ħkim, qbid jew f'ġarr ta' oġġetti żgħar
- Debbulizza fiżika waqt mixja fit-tul jew perijodi twal tistenna
- Nuqqas ta' bilanċ u koordinazzjoni
- Restrizzjonijiet fl-użu tas-saqajn u r-riġlejn
- Diffikulta` fil-mixi fuq art mhux lixxa, taraġ, u nżul u tlajja
- Uġigħ, għaja u skomdu
- Diffikulta` fin-nifs
- Mard fit-tul

- Kundizzjoni tas-saħħa u/jew trawma fiżika li twassal għal waħda jew aktar minn dawn imsemmijin hawn fuq

Fl-Awstralja d-diżabbiltajiet ta' spiss huma klassifikati f'tipi differenti bħal: diżabbilta` fiżika (eż. Paralisi, artrite, ħruq, ħxuna żejda, ksur tal-għadam, amputazzjoni), diżabbilta` intellettwali jew fit-tagħlim (eż. autism, down syndrome, attention deficit disorder), diżabbilta` mentali jew problemi tas-saħħa mentali (eż. Problemi ta'stress wara trawma, skizofrenja, mard tad-dwejjaq), diżabbilta` fis-sensi (turxien, għema) u diżabbilta` fin-nervituri (eż. korriment fil-moħħ, korriment fis-sinsla – parapleġija u kwadrupleġija, paralisi ċerebrali, Parkinson's u multiple sclerosis).

Diżabbilta` tista' tkun permanenti jew temporanja. Ħafna nies b'diżabbilta` jgħidu li ġeneralment dak li jżommhom milli jipparteċipaw fil-komunita`, mhux id-diżabbilta` tagħhom, iżda ostakli li tagħmlilhom is-soċjeta` u l-attitudnijiet negattivi tal-komunita`.

## X'sapport jista` jkollhom nies b'diżabbilta`?

Fl-Awstralja nies b'diżabbilta` għandhom l-istess drittijiet umani bħal nies oħra. Dan jinkludi li jkollhom dritt jieħdu parti fil-komunita`, jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom u jirċievu servizzi li jgħinuhom biex ikollhom kwalita` ta' ħajja xierqa.



Nies b'diżabbilta` għandhom id-dritt għas-servizzi kollha li jista` jkollhom nies bla diżabbilta`. Is-servizzi ġenerali tal-komunita` jeħtieġ jipprovdu servizzi għal nies b'diżabbilta`. Il-fatt li xi ħadd ikollu diżabbilta` ma jfisserx illi ma jistax jilħaq servizzi ġenerali. F'ħafna każi nies b'diżabbilta` jistgħu jkollhom sapport u għajnuna mill-istess postijiet li jkollhom nies bla diżabbilta`.



Madankollu, biex niżguraw li nies b'diżabbilta` ikollhom l-istess opportunitajiet, hemm servizzi speċjalizzati għad-dispożizzjoni biss ta' nies b'diżabbilta`. Dawn is-servizzi jinkludu:

- Servizzi li jgħinuk issib impieg jew aktar taħriġ bħal *Employment and Vocational Services*
- Servizzi li jgħinu lilek u l-familja tiegħek biex tistrieħu minn xulxin bħal Centre-based u In Home *Respite Care* ( fiċ-Ċentru u fid-Dar)
- Servizzi li jgħinuk fil-kura persunali tiegħek bħal *Attendant Care Services*
- Servizzi li jgħinu lil ġenituri malli jindunaw li wliedhom għandhom diżabbilta` bħal *Early Intervention Services (Servizzi għal Intervent Kmieni)*
- Servizzi li speċjalment jgħinu lil nies żgħażagħ b'diżabbilta` biex jitgħallmu aktar snajja' bħal *Transition to Work Program,Community Participation Programs, Community Access Services jew Day Programs.*
- Servizzi li jgħinuk tgħix fil-komunita` bis-sapport bħal *Accomodation Support Services.*
- Servizzi li jgħinuk bit-teknoloġija, bl-apparat, terapija u servizzi ta' speċjalisti paramedikali bħal PADP (*Program of Appliances for Disabled People).*
- Servizzi li jgħinuk biex id-drittijiet tiegħek jiġu rispettati u biex iġġib tagħrif, bħal *Advocacy and Information Services.*

## Kif issir taf aktar dwar servizzi għal nies b'diżabbilta`

Waqt li hemm ħafna servizzi għal nies b'diżabbilta`, mhux faċli ssir taf dwarhom jew issib liema hu s-servizz addattat għalik. Barra dan, xi kultant is-servizzi jkunu mimlija u jkollhom lista ta' nies

jistennew, jew xi kultant ma tkunx taf lil min tistaqsi u għal liema servizz titlob.

Hawnhekk niżżilna biss xi ftit servizzi, li jgħidu li jorganizzawlek interpretu/a jekk teħtieġ:

Is-Servizz tat-Traduzzjonijiet u Interpretar (TIS) tad-Dipartiment tal-Immigrazzjoni u Affarijiet Multikulturali u Indiġeni huwa għad-dispożizzjoni ta' kull persuna jew organizzazzjoni fl-Awstralja li jeħtieġu servizzi ta' interpreti. Tista' tagħmel użu mit-TIS 24 siegħa kuljum, 7 jiem fil-ġimgħa.

*TIS* *Telefon*: 13 14 50

Għandek mnejn tkun trid tħallas xi haġa, jiddependi miċ-ċirkostanzi u jiddependi lil min trid iċċempel.

Tajjeb li tibda mis-Centrelink biex issir taf dwar dawn l-affarijiet.

*Centrelink* *Telefon:* 13 10 21

Centrelink Multilingual Call Centre

*Centru tas-Centrelink Multilingwali* *Telefon:*13 12 02

*TTY* *Telefon:* 1800 810 586

Jekk tista' tmur fl-uffiċċju tas-Centrelink lokali tiegħek, il-persuna addattata li għandek tkellem hi d-Disability Officer – l-Uffiċjal tad-Diżabbilta`

Post tajjeb ukoll li tibda minnu hu l-Commonwealth Carelink Program.

*Commonwealth Carelink Centres* *Telefon*: 1800 052 222

*TTY* *Telefon*: 1800 555 677

*Speech-to-Speech Relay telefon:* 1800 555 727



Servizz ieħor ta' tagħrif għad-diżabbilta` hu IDEAS.

IDEAS *Telefon:*1800 029 904

Tista' ċċempel ukoll lil Multicultural Disability Advocacy Association (MDDA) li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet ta' nies b'diżabbilta` li ġejjin minn sfond fejn ma jitkellmux bl-Ingliz (NESB), lil familji tagħhom u lil dawk li jieħdu ħsiebhom.

MDAA *Telefon*(02) 9891 6400 jew 1800 629 072

